MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 153/1998/2

**Anthony Grima, Margaret Grima, Joseph Grima, Maria Dolores Grima u Filomena Grima**

**v.**

**George Micallef**

**Il-Qorti:**

1.1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut George Micallef ghal fini ta’ riforma ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri,

sezzjoni Generali fil-kawza fl-ismijiet premessi u li giet deciza fit-13 ta’ Marzu 2008.

1.2. Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell is-sentenza appellata qeghda tigi hawn taht riporta *in toto*, in kwantu fiha gie ritenut u deciz hekk:
“Il-Qorti,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

“Illi huma d-detenturi ta' qatghat ta' raba parti minn raba magħrufa bhala "Ġnien is-Sultan", limiti ta' Sannat, u taċ-Ċawla;

“Illi l-konvenut ostakola b'żewġ rami l-passaġġ li l-atturi għandhom għall-qatgħat tar-raba imsemmi tagħhom, u dawn ghamlu f'dawn l-aħħar ħames ġimgħat;

“Ukoll il-konvenut qala’ il-knaten fil-ġenb tat-triq li tagħti għas-Sannat minn taċ-Ċawla u għamel rampa għal qatgha raba mill-istess raba imsemmi li qegħda f'idejn il-konvenut, u b'hekk l-ilma tax-xita tat-triq jaqleb ghar-raba imsemmi u jmur fil-qatgħat tal-atturi u jagħmel ħsara, u anki dan l-konvenut għamlu fl-ahhar ħames ġimgħat;

“Li x-xogħlijiet imsemmija jikkostitwixxu spoll u dannu tal-atturi u tad-dritt ta' passaġġ liberu u tat-tgawdija tar-raba imsemmi.

“Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll a dannu tal-atturi billi ostakola l-passaġġ liberu tagħhom bir-rampi li għamel fir-raba magħruf bħala "Ġnien is-Sultan" u billi qala' knaten miċ-ċint tat-triq li minn taċ-Ċawla tagħti għas-Sannat u b'hekk l-ilma tat-triq jispiċċa fir-raba tal-atturi;

“2. Tikkundanna lill-konvenut ineħħi r-rampi msemmija u jqiegħed il-knaten imsemmija fi żmien qasir iffissat mill-Qorti u b'hekk jirrientegra l-passaġġ u ċ-ċint imsemmija fi stat tagħhom ta' qabel; u fin-nuqqas tal-konvenut,

tawtorizza lill-atturi jagħmlu x-xogħlijiet imsemmija huma, a spejjeż tal-konvenut.

“Bl-ispejjeż tal-konvenut, inġunt ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Anthony Grima.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

“1. Illi huwa jikkontesta t-talbiet attriċi billi huwa ma kkommetta ebda spoll a dannu tal-atturi.

“2. Illi ma jissussistux elementi li jiġġustifikaw azzjoni ta' spoll.

“3. Illi x-xogħlijiet kollha li dwarhom qegħdin jilmentaw l-atturi saru in parti fi proprjeta` lokata għandu u fil-pussess tiegħu w in parti fi proprjeta` lokata għand terzi bil-kunsens u bi ftehim ma' dawk kollha interessati.

“4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-istess xogħlijiet ma jikkostitwux spoll in kwantu huma benefikati intiżi biss sabiex jibbenefikaw l-art u jaġevolaw l-aċċess għaliha.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

“Rat il-verbal tagħha ta' l-10 ta' Ottubru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda u affidavits prodotti u d-dokumenti esebiti.

“Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

"*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, paġna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi);…..".*[1]

"Illi, ghalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, jenhtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

"(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim Awla : 12.4.1958 vol. XLII.. II. 975 .

"(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

"(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

"Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico,e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola **"spoliatus ante omnia restituendus"**. Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero` abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto.*"[3]

"Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk fil-każ in eżami jeżistux dawn it-tliet elementi. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw minn xogħlijiet magħmula mill-konvenut f'biċċa raba fil-pussess tiegħu li permezz tagħhom għamel żewġ rampi jagħtu minn raba ta' terzi għal fuq ir-raba tiegħu, f'parti mnejn l-atturi għandhom passaġġ għar-raba tagħhom fl-istess inħawi, b'tali mod illi mblokkalhom dan il-passaġġ u fejn saru dawn ir-rampi, jkollhom jirfsu ġo r-raba maħdum ta' l-istess konvenut. Jilmentaw ukoll illi fl-istess okkażżjoni l-konvenut neħħa xi kantuni mill-ħajt li jifred it-triq mir-raba tieghu u minflok ghamel rampa oħra, bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita li jkun nieżel fit-triq issa jaqa' ġor-raba tal-konvenut u jgħarraq ir-raba tal-atturi.

---

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta.ed.1902 Torino, para.271

“Niġu għalhekk minnufih għall-eżami dwar l-eżistenza o meno ta' l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll.

“**Il-Pussess:**

“Dwar dan l-element  sabiex tirnexxi kawża ta’ spoll ingħad:

“*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista’ tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –“**possession of whatever kind**” – dak li jinteressana f’dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero` teżiġi dejjem f’dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f’kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*.”[4]

“Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-atturi għandhom bi qbiela mingħand il-gvern il-porzjon raba msemmi fiċ-ċitazzjoni. Irriżulta wkoll inkontestat illi sabiex jaċċedu għar-raba tagħhom dawn jgħaddu minn fuq raba ieħor mikri wkoll mingħand il-gvern u li jinsab f'idejn il-konvenut. L-aċċess tagħhom huwa minn fuq passaġġ li tidħol għalih minn triq li hemm fil-ġemb tal-lvant tat-territorju li r-raba tal-kontendenti jifforma parti minnu. Il-passaġġ huwa fil-ġemb tar-raba f'idejn il-konvenut u jgħaddi minn taħt ħajt tas-sejjieħ li jifred ir-raba tal-kontendenti minn dik ta' terzi, li jinsab f'livell iżjed għoli. Sakemm saru r-rampi in kwistjoni,[5] l-atturi kienu jgħaddu liberament minn dan il-passaġġ biex jaċċdu għar-raba tagħhom li tinsab fuq ġewwa, iżjed lejn il-punent. Imma minn meta saru dawn ir-rampi li mblokkawlhom il-passaġġ, huma qed ikollhom jirfsu fuq ir-raba maħdum tal-konvenut bl-inkonvenjenza li dan iġib miegħu, speċjalment fix-xitwa meta l-art tkun maħduma. Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu l-konvenut jikkontendi illi l-atturi m'għandhomx il-pussess

---

[4] Fenech  vs  Zammit ġia ċitata
[5] ara ritratti Dokti. A, B u C esebiti a fol. 156 tal-process

meħtieġ mil-liġi, għax ma ġiex pruvat li għandhom il-pussess esklussiv ta' dan il-passaġġ. In sostenn ta' din it-teżi tiegħu jiċċita minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, li tgħid li f'każ fejn diversi gabillotti jikru mingħand sid wieħed, bħal ma għandna fil-każ in eżami, il-pussess tutelabbli f'kawża ta' spoll irid ikun wieħed esklussiv.[6] Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sentenza, għaliex il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni f'dan is-sens, u kif ingħad hawn fuq f'każ ta' spoll, tipproteġi l-"**possession of whatever kind**" u anke s-sempliċi detenzjoni,[7] u l-ġurisprudenza prevalenti tidher illi hija f'dan is-sens ukoll. Jirriżulta għalhekk illi dan l-ewwel element ta' kawża ta' spoll fir-rigward taż-żewġ rampi li mblukkaw il-passaġġ li l-atturi għandhom biex jidħlu fir-raba tagħhom ġie adegwatament sodisfatt. Mhux l-istess pero` għal dak li għandu x'jaqsam mal-kantuni li tneħħew mill-ħajt tat-triq u r-rampa li saret minflokhom. Apparti l-provi xejn sodisfaċenti f'dan ir-rigward, jidher illi dan ix-xogħol sar fir-raba li tinsab esklussivament f'idejn il-konvenut, u l-atturi m'għandhom xejn x'jaqsmu magħha, b'tali mod li żgur ma jistax jingħad li għandhom xi pussess jew detenzjoni ta' xi parti minn dik l-art fejn saret din it-tielet rampa.

"**L-iSpoll**:

"Il-konvenut qatt ma ċaħad illi dawn ir-rampi saru fuq inkarigu tiegħu. Anzi jgħid illi dawn għamilhom sabiex jiffaċilita l-aċċess bit-*tractor* għal ġor-raba li għandu f'idejh. Madankollu jsostni illi ma twettaq ebda spoll fil-konfront ta' l-atturi, għaliex dawn xorta waħda qegħdin jgħaddu liberament minn fuq ir-raba tiegħu sabiex jaċċedu għar-raba tagħhom, u huwa qatt ma ostakolhom fl-użu ta' dan il-passaġġ. Imma kif sewwa josservaw l-atturi, il-fatt illi xorta waħda qed jirnexxilhom jidħlu għar-raba tagħhom, m'għandux ikun ta' difiża għall-konvenut. Infatti f'każ simili fejn il-konvenut kien qed jistrieħ fuq id-difiża li l-attur għandu band'oħra minn fejn jgħaddi intqal illi:

---

[6] Giuseppe Cassar et. vs Paolo Cassar et. : 11.3.1955; kollez. Vol. XXXIX. i. 123

[7] art. 535(1) tal-Kap. 16 .

"*Għall-fini tal-azzjoni proposta din id-difiża ma hi ta' l-ebda suffraġju. Huwa immaterjali jekk l-attur għandux mogħdijiet oħra servjenti għall-ħtiġijiet tiegħu. Kull prova f'dan il-kuntest ma teliminax l-att arbitrarju tiegħu. Huwa proprju dan l-aġir li l-artikolu tal-liġi jrid jikkolpixxi u jistronka. Dan għaliex l-azzjoni hi radikata fuq l-esigenzi ta' l-utilita' socjali, intiza biex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi impedut liċ-ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh. Il-fini ta' l-azzjoni huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat. (vol. XLII. ii. 973; vol. XLI. ii. 846).*" [8]

"**Iż-Żmien:**

"Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi jgħidu illi dan l-ispoll ġie kommess f' "*dawn l-aħħar ħames ġimgħat*". Il-kawża ġiet intavolata fil-31 ta' Lulju 1998, u għalhekk dan ifisser illi x-xogħlijiet lamentatai saru għall-aħħar ta' Mejju jew il-bidu ta' Gunju ta' dik is-sena. L-attur Anthony Grima jispjega fl-affidavit tiegħu illi : " ... *kien żmien il-ħsad ta' San Gwann meta jien kont inkun nindokra l-bħajra fir-raba tiegħi* …". [9] Jirriżulta wkoll min-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenut illi ż-żmien meta seħħ ix-xogħol lamentat mhux qed jiġi kontestat.[10] Dan l-element huwa wkoll għalhekk ippruvat.

"Għal dawn il-motivi, peress illi ġie ppruvat sodisfaċentement li jeżistu l-elementi meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, dejjem fir-rigward taż-żewġ rampi li qed jimblukkaw il-passaġġ in kwistjoni, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti:

"1. tilqa' in parti biss l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut kkommetta spoll vjolenti u klandestin kontra l-atturi billi ostakola l-passaġġ liberu tagħhom biż-żewġ rampi li għamel fir-raba magħruf bħala "ta' Gnien is-Sultan", limiti ta' Sannat, u tiċħadħa fir-rigward tal-kantuni li allegatament tneħħew miċ-ċint tat-triq;

---

[8] Prim Awla : John Sammut vs Emanuel Sammut. : 31.1.2003
[9] ara affidavit tiegħu a fol. 34 tal-proċess
[10] ara Nota a fol. 168 tal-process

"2. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar mil-lum ineħħi dawn ir-rampi; u

"3. fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi jagħmlu dan a spejjeż tal-konvenut.

"Bl-ispejjeż ikunu kwantu għal terz kontra l-atturi u l-bqija għall-konvenuti."

**L-APPELL TAL-KONVENUT GEORGE MICALLEF**

2.1. Il-konvenut George Micallef hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha, ghal fini ta' riforma, u dana billi talab li din il-Qorti ta' Appell,

"... ... tichad it-talbiet kollha tal-atturi in kwantu dawn jirrigwardaw l-ispoll bil-formazzjoni tar-rampi li saru fl-ghalqa tal-konvenut, u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati."

2.2. L-aggravji tal-konvenut jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

(i) li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet apprezzament skorrett tal-provi, u m'gharfitx tiddistingwi bejn kawza li saret bi spirtu emulatorju u vessatorju minn kawza fejn l-atturi sofrew tassew xi pregudizzju fl-ezercizzju tal-moghdija.

(ii) Minn ezami akkurat tal-provi ma jirrizulta mkien li l-atturi ppruvaw b'xi mod li bil-formazzjoni ta' dawn ir-rampli saritilhom xi hsara, naqqsilhom l-uzu, jew li rrendielhom l-uzu tal-moghdija ta' xkiel akbar jew aktar skomdu.

(iii) L-azzjoni mehuda mill-atturi kienet wahda ta' natura emulatorja.

**IR-RISPOSTA TAL-ATTURI GHALL-APPELLTAL-KONVENUT**

3.1. L-atturi appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma. Skond huma, l-appell hu wiehed vessatorju, intiz biss biex ikompli jtawwal l-att ta' spoll kommess mill-appellant.

3.2. It-tezi tal-appellant li l-att turbattiv *de quo* ma kienx tali li seta' jammonta ghal spoll mhux biss ma jaqblux maghha imma lanqas ghandha bazi legali. Minhabba r-rampi li saru mill-appellant fir-raba tieghu, l-atturi ma setghux jkomplu jezercitaw id-dritt ta' passagg li huma kienu jezercitaw minn dejjem minn taht il-hajt "izda kellhom (i.e. l-atturi) iduru mar-rampi b'mod illi huma u ghaddejjin ikollhom jghaddu addirittura flok minn taht il-hajt minn go nofs ir-raba bl-iskomdu li jgib mieghu specjalment fix-xitwa meta l-art tkun mahduma u allura ratba bil-konsegwenza li jkun difficli u skomdu ferm li tghaddi minn goc-caflis tat-tajn".

Stante l-vessatorjeta` tal-appell, l-appellanti talbu li jkun hemm l-applikazzjoni "tal-komminazzjonijiet stipulati mil-ligi bl-ispejjez doppji kontra l-konvenut appellant".

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Din il-Qorti tibda billi tghaddi kumment dwar id-dewmien ingustifikat li hadet din il-kawza sabiex tigi deciza quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Kawza semplici ta' spoll dwar kostruzzjoni ta' zewg rampi f'raba ma kellha qatt tiehu kwazi ghaxar (10) snin biex tigi mismugha u deciza. F'dan il-kuntest, jigi osservat li l-partijiet u d-difensuri rispettivi taghhom ma tantx jidher li kienu ta' sostenn kbir lejn l-ewwel Qorti biex certu dewmien bla bzonn u mhux gustifikat jigi evitat.

5. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-konvenut appellant George Micallef qala' xi knaten li kienu kollokati fil-genb ta' triq fl-inhawi agrikoli maghrufa bhala "tac-Cawla" liema triq taghti ghar-rahal tas-Sannat. Wara li ghamel dan, l-imsemmi konvenut eriga tlett rampi, li dwar tnejn minnhom qeghdin joggezzjonaw l-atturi appellati bhala ko-detenturi, flimkien mal-istess konvenut u ohrajn, ta' qatghet ta' raba, parti minn raba maghruf bhala "Gnien is-Sultan", limiti ta' Sannat. Ir-raba fejn saru dawn iz-zewg rampi huwa raba <u>fil-pussess tal-konvenut</u>. Jirrizulta inoltre illi dawn ir-rampi ghandhom zbokk ghal go raba f'livell oghla, liema <u>raba m'huwiex lanqas fil-pussess ta' l-atturi</u> imma f'idejn terzi mhux parti fil-kawza in dizamina.

6. L-oggezzjoni min-naha tal-atturi li fuqhom hija msejsa l-azzjoni taghhom ta' spoll privileggjat – li hija azzjoni possessorja u ghalhekk tiddistingwi ruhha ghal kollox minn azzjoni petitorja – giet ibbazata fuq zewg ragunijiet jew fatti, jigifieri:

(i) li bir-rampi li ghamel il-konvenut huwa "ostakola" l-passagg liberu taghhom surreferit; u

(ii) li bil-qlugh tal-knaten tal-gebel mic-cint tat-triq fuq imsemmija "b'hekk l-ilma tat-triq jispicca mir-raba ta' l-atturi".

7.1. Il-parti l-aktar rilevanti mis-sentenza appellata li tat lok ghal dana l-appell tikkoncerna l-aktar l-element tal-pussess kif abbinat mat-'turbativa' allegatament kagjonata mill-agir tal-konvenut u li, fil-fehma tal-ewwel Qorti, tat ukoll lok ghall-ispoll. In propozitu, l-ewwel Qorti, wara li qalet li ma taqbilx ma' enuncjazzjoni partikolari li tohrog minn decizjoni li nghatat f'kawza ohra ta' spoll minn din il-Qorti, kif diversament komposta, u citata mill-konvenut, u li fiha intqal li f'kawza ta' spoll, il-pussess tutelabbli jrid ikun wiehed <u>esklussiv</u>, jigifieri s-sentenza fl-ismijiet Guiseppe Cassar et. v. Paolo Cassar et. (Koll. Vol. XXXIX-1-123), kompliet telabora hekk:
"Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sentenza, ghaliex il-ligi ma taghmel ebda distinzjoni f'dan is-sens, u kif jinghad hawn fuq f'kaz ta' spoll, tipprotegi l-'<u>*possession of whatever kind*</u>' u anke s-semplici detenzjoni, u l-gurisprudenza prevalenti tidher illi hija f'dan is-sens ukoll.

"Irrizulta ghalhekk illi dan l-ewwel element ta' kawza ta' spoll fir-rigward taz-zewg rampi li mblukkaw il-passagg li l-atturi ghandhom biex jidhlu fir-raba taghhom gie adegwatament sodisfatt. Mhux l-istess pero` ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kantuni li tnehhew mill-hajt tat-triq u r-rampa li saret minflokhom. Apparti l-provi xejn sodisfacenti f'dan ir-rigward, jidher illi dan ix-xoghol sar fir-raba li tinsab esklussivament f'idejn il-konvenut, u l-atturi m'ghandhom xejn x'jaqsmu maghha, b'tali mod li zgur ma jistax jinghad li (l-atturi) ghandhom xi pussess jew

detenzjoni ta' xi parti minn dik l-art fejn saret din it-tielet rampa.

7.2. In konkluzjoni, l-ewwel Qorti rriteniet illi – evidentement ghal dak li jikkkoncerna l-element tat-"turbativa" tal-pussess – iz-zewg rampi in kwistjoni kienu qeghdin jimblukkaw ossija jostakolaw il-passagg liberu tal-atturi u b'hekk iddecidiet li l-konvenut "ikkommetta spoll vjolenti u klandestin kontra l-atturi", b'dana pero` li fl-istess waqt, hija cahditha "fir-rigward tal-kantuni li allegatament tnehhew mic-cint tat-triq".

8.1. Din il-Qorti, filwaqt li tikkondividi l-enuncjazzjoni tal-aspetti legali tal-vertenza da parti tal-ewwel Qorti – per ezempju, anke hi ghandha rizerva dwar is-sentenza citata mill-konvenut appellant – hija pero` xorta wahda ma jidhrilhiex li l-apprezzament tal-fatti min-naha ta' l-ewwel Qorti kien wiehed ghal kollox korrett.

8.2. Ghal dak li jikkoncerna l-qlugh tal-knaten, din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti, li x-xoghol sar kollu f'raba possedut esklussivament mill-konvenut. Fl-att tac-citazzjoni, l-atturi intentaw jorbtu dan ix-xoghol ma' allegazzjoni li in konsegwenza tat-tnehhija ta' dawn il-knaten, l-ilma tax-xita beda in segwitu jaqleb hazin a detriment taghhom izda jidher li meta gew ghall-provi, l-atturi donnhom insew u skartaw kwazi ghal kollox milli b'xi mod isostnu u jippruvaw dan il-fatt, u ghalhekk ma jirrizultax.

8.3. Fejn din il-Qorti m'hijiex taqbel mal-Qorti ta' l-ewwel grad hu dwar dak li gie deciz fis-sens li biz-zewg rampi li saru mill-konvenut <u>f'raba detenut u possedut minnu esklussivament</u>, gie "imblukkat" id-dritt ta' passagg ezercitat mill-atturi. Kulma rrizulta huwa invece illi minhabba dawn iz-zewg rampi, li saru bl-iskop ta' accessibilita` ahjar ghal raba iehor f'livell oghla, l-atturi issa htegilhom jersqu xi ftit piedi 'l barra minn mar-rampi in kwistjoni <u>u jibqghu ghaddejjin pero` bla xkiel</u>. Konxji min-natura trivjali tal-oggezzjoni taghhom ghax-xoghol esegwit mill-konvenut, l-atturi bdew jallegaw li bil-fatt li huma kienu ser ikollhom jispustaw it-tragitt taghhom harira 'l barra,

huma kien ser ikollhom jghaddu wkoll, minn fuq raba mahdum (appartenenti lill-konvenut stess) u li ghalhekk fl-istagun xitwi huma kienu qeghdin jipprevedu li flok terren sod u imballat bl-irfis, issa kien ser ikollhom jghaddu minn fuq hamrija ratba u qalb hafna caflis. Din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm huwa minnu li ghall-bidu u f'xi stagun partikolari xi ftit inkonvenjent jista' jkun hemm sakemm titballat u tissoda l-hamrija bil-passagg li jkun qieghed isir minn fuqha, anke dan in-naqra inkonvenjent jisparixxi. Pero` certament ma jistax jinghad li bir-rampi li saru kien hemm xi "imblokk" tad-dritt ta' passagg jew li dan issa "gie ostakolat", kif allegat mill-atturi. Anzi dan huwa kaz tant minimu u bla konsegwenzi detrimentali ghall-parti attrici li huwa ezempju klassiku fejn japplika l-principju *de minimus non curat praetor*. Tant hu ckejken l-inkonvenjent – imma mhux ostakolu – li l-atturi adducew inkonvenjenti addizzjonali li potenzjalment setghu jissarrfu tassew f'azzjoni ta' spoll – l-allegazzjoni jigifieri ta' inondazzjoni b'ilmijiet minhabba tnehhijja tal-knaten a dannu tar-raba tal-atturi – li pero` ma gietx ippruvata min-naha tal-atturi fil-kors tal-kawza. Jidher, anzi, li r-raguni vera li induciet lill-atturi biex igibu 'l quddiem din il-kawza ta' spoll kienet x'aktarx wahda ta' natura emulatorja – kif appuntu sar accenn ghal dan min-naha tal-konvenut appellant fir-rikors tieghu. Fl-affidavit tieghu l-attur Anthony Grima jixhed hekk (ara fol. 33-34 ir-raba' paragrafu):

"Ghal kull *buon fini* niddikjara illi jien qed nikkontesta l-mod kif Micallef, il-konvenut, akkwista r-raba tieghu minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet ... ... dan ir-raba kellu skont il-'policies vigenti' fid-Dipartiment ta' l-Artijiet kellu jigi offrut lilna peress illi ahna membri tal-familja u Micallef huwa totalment barrani. Fil-fatt jiena ghandi kawza ohra pendenti dwar dan il-mertu."

9. Issa li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, irrizulta lill-konvenut sab xi oggezzjoni ghall-fatt li l-atturi bdew jghaddu minn parti mir-raba tieghu 'l gewwa mir-rampi b'dan li rifsulu z-zrieragh tar-raba jew li b'xi mod impedilhom id-dritt li jghaddu minn hemm, allura f'dak il-kaz, seta' jinghad li d-dritt ta' passagg safa' jekk mhux imblukkat, imma ta' lanqas ostakolat. Imma xejn minn dan ma rrizulta. Billi l-atturi jghidu li huma qabel kienu

jimxu tul il-hajt tas-sejjiegh u issa ser ikollhom johorgu xi ftit piedi ’l barra, b’daqshekk ma jistax jinghad li d-dritt ta’ passagg li kellhom, flimkien ma terzi, gie spoljat. Fi kliem iehor, il-qofol tal-“pussess” gawdut mill-attur, konsistenti fid-dritt li dawn jghaddu liberament mir-raba tal-konvenut baqa’ hemm u ma giex imblukkat jew ostakolat kif gie skorrettement ritenut mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-appell tal-konvenut, tirriforma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi minn kif moghtija fit-13 ta’ Marzu 2008, u dan billi tichad it-talbiet kollha ta’ l-atturi in kwantu dawn jikkoncernaw l-azzjoni ta’ spoll relattiva ghall-formazzjoni tar-rampi li saru minn u fil-ghalqa tal-konvenut appellant, u tikkonfermaha fil-bqija, b’dana wkoll li l-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu unikament a kariku ta’ l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------